**Minuti tal-Erbghin (42) laqgħa**
**tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**il-Gimgha 27 ta' Frar 2015 fl-4:50 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| | |
| Joseph Azzopardi | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

*Skuzata: Dr.Josianne Cutajar* *Kunsillier*
*Skuzata: Danica Cassar* *Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*

Is-Sindku Charles Said ressaq ir-rapport tekniku għall-Proġett ta' Pjazza San Pietru u San Pawl offerta taħt il-Mizura 413.4. Wara li nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2015 għalqu l-offerti pubblici dawn infetħu dakinhar stess. Dawn ġew spezzjonati mill-Perit Robert Grech, l-*contract manager* tal-Kunsill. Hu għamel l-aġġudikazzjoni fuq it-tliet offerti li ġew sottomessi (RCR JV (301092.16 Euros; Gatt Tarmac – 347246.91 Euros u Xmun Projects – 299774.47 Euros); dawn kollha kienu *compliant* minbarra ta' Gatt Tarmac. Is-Sindku Charles Said kkonferma mal-Perit li ż-żewġ offerti l-oħra kienu *compliant*. Il-Kunsill qabel li l-Bord ta' Aġġudikazzjoni ikun iffirmat mill-Kunsilliera preżenti. Peress li skond l-aġġudikazzjoni tal-Perit Grech, l-orħos offerta *compliant* hija tal-kumpanija *Ta'Xmun Projects*, il-Kunsill qabel unanimament li din tingħata l-offerta pubblika u għalhekk ser tinħarġilha l-*letter of acceptance* ħalli x-xogħol jinbeda mmedjatament.

Il-Viċi Sindku nnota li nhar it-Tnejn 23 ta' Frar, hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, attenda għall-laqgħa mal-Bord li qed jaġġudika proġetti kapitali u kellna rispons pożittiv. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv ta rendikont tal-informazzjoni li ntbagħtet lil dan il-Bord li għandu jaġġudika t-talba għall-finanzjament fuq il-proġett tal-Pjazza.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri, staqsa lis-Sinjura Marija Natoli dwar is-sitwazzjoni ta' Dar Franġisk Camilleri. Marija Natoli nnotat li hi qed tagħmel il-ħila tagħha biex tqajjem dan il-post, bil-kollaborazzjoni tal-Arcipriet u l-EċċellenzaTiegħu l-Isqof t'Għawdex. Hi qed tipprova wkoll tagħmel laqgħa mal-Onorevoli Ministru għal Għawdex. Is-Sindku Charles Said ikkonferma li hu attenda għal xi attivitajiet ta'dan iċ-Ċentru pero' jonqos ħafna x'isir kemm f'dik li hi organiżazzjoni u anki rranġar tal-post. Is-Sindku qal li huwa ta parir lil kumitat li jmexxi din id-dar sabiex jibda jippjana bis-serjeta , pjanti u studji u anke jikseb permessi mill-MEPA , sabiex meta jiġi ċ-ċans li jintrebħu xi fondi minn xi skemi, kemm tal-Unjoni Ewropeja, kif wkoll minn dawk nazzjonali, tkun tista tiġi ppreżentata applikazzjoni li tiġi aċċettata .

Il-laqgħa spiċċat fis-5 p.m.

**Charles Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**